# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 4**

**Citazzjoni numru: 1024/1993AF**

**Louis Busuttil bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Francis Busuttil and Sons Limited**

**v.**

**Raymond Mallia bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur Louis Busuttil nomine, fis-27 ta' Lulju, 1993, fejn inghad:

> "Peress illi f'Lulju/Awwissu 1991, inti, konvenut nomine esegwejt xoghol fuq truck numru O-7076M proprjeta` tal-attur nomine fuq inkarigu tieghu biex jiccekken ir-refrigeration box tal-istess truck;
>
> "U peress illi dan ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti kif jirrizulta mis-"survey report" hawn anness u mmarkat Dokument "A";

"U peress illi ghalhekk, l-attur nomine sofra danni, ghal-liema danni inti unikament responsabbli;

"U peress illi inti gejt interpellat b'ittra ufficjali f'din il-Qorti in data 17 ta' Frar 1993 u notifikata lilek fit-22 ta' Frar 1993 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' dawn id-danni izda xorta bqajt inadempjenti.

"Ighid issa ghalfejn din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghol minnek esegwit fuq inkarigu tal-attur nomine sabiex jiccekken ir-"refrigeration box" tat-truck registrazzjoni numru O-7076M proprjeta` tal-attur nomine ma sarx skont is-sengha u l-arti biex b'hekk l-attur nomine sofra danni;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi inti unikament responsabbli ghal dawn id-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine;

"3. Tillikwida dawn l-istess danni; u

"4. Tikkundannak thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1993 u bl-imghax legali kontra tieghek ingunt minn issa sabiex tidher personalment ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Mallia nomine tal-21 ta' Ottubru, 1993, li permezz taghha gie eccepit:

"Preliminarjament li s-"Survey Report" (Dok. A) esebit mac-citazzjoni ma jikkostitwixxix prova legalment ammissibbli u ghalhekk ghandu jigi sfilzat mill-atti stante l-opinjonijiet "ex parte" li jikkontjeni;

"Illi fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li x-xoghol fuq it-"truck" in kwistjoni gie esegwit mis-socjeta` konvenuta skont l-arti u s-sengha u gie accettat u approvat mill-attur nomine;

"Illi konsegwentement, is-socjeta` konvenuta ma kkawzat ebda danni lill-attur nomine.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk ikun il-kaz."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine tat-12 ta' Mejju, 2003, li permezz taghha gie eccepit ulterjorment:

> "Illi, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja' moghtija, l-attur nomine ghandu jigi meqjus li rrinunzja rrimedjabilment ghall-azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni u ghad-danni kuntrattwali minnu pretizi stante li r-"refrigerated truck" meritu tal-kawza baqa' jintuza mis-socjeta' attrici anke wara li skoprew l-allegati difetti u, mhux biss ma ddepozitawhx taht l-awtorita' tal-Qorti, talli hallewh zdingat fl-apert, soggett ghall-elementi, ghal aktar minn ghaxar snin (vide Appell Inferjuri, deciz fit-22 ta' Novembru 2002, fl-ismijiet "Frederick Micallef et noe vs May Sullivan").
>
> "Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-ewwel talba tal-attur, però ddikjarat li x-xoghol esegwit kien fih difetti u ddikjarat li minhabba f'hekk is-socjetà attrici soffriet danni; illikwidat id-danni fl-ammont ta' €1,199.63, ekwivalenti ghal Lm515 u kkundannat lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' €1,199.63, ekwivalenti ghal Lm515, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi l-vertenza odjerna tirrigwarda xoghol esegwit fuq "refrigeration box" ta' Truck da parti tas-socjeta` konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta' attrici, li qed issostni li x-xoghol li sar mhuwiex skont is-sengha u l-arti.
>
> "Huwa doveruz lill-Qorti tinnota f'dan l-istadju illi l-kwistjoni jekk ix-xoghol giex esegwit kif suppost jew le hija essenzjalment kwistjoni ta' natura teknika. Ghaldaqstant, il-Qorti tistrieh fuq il-konkluzjonijiet ta'

natura teknika raggunti mill-espert minnha mahtur, partikolarment in vista tan-nuqqas ta' eskussjoni tal-istess perit jew talba ghall-hatra ta' periti perizjuri. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Muscat" (deciza fit-23 ta' Gunju 1967).

"Ghalkemm il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha u l-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, b'dana kollu l-"giudizio dell'arte" espressa mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakulta' lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenoke' ma jkunx jidher soddisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragjonevoli."

(Ara wkoll "Dingli Estates vs Mangion", deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Mejju 2002).

"Il-konkluzjoni tal-perit tekniku, li ghalihom jirreferi sostanzjalment l-abbli perit legali kienu illi:

"1. Il-kaxxa kif kienet imfassla, maghmula u kkonsenjata lill-attur hi wahda li normalment wiehed jistenna minn dawn il-kaxxi maghmulin Malta.

"2. Il-konvenut kien fid-dover li l-art tal-kaxxa ssahhet bhal ma ghidt iktar qabel meta l-attur indikalu d-difett. Dan seta' jsir bhala xoghol addizzjonali minghajr ma tizzarma l-kaxxa. Nikkalkula li bejn wiehed u iehor din l-ispiza dak iz-zmien kienet tiswa madwar Lm380.

"3. Il-ftuh ta' xi xquq bejn il-panewwi zviluppaw mal-uzu tal-kaxxa u li gew indikati mill-attur mhumiex allarmanti rigward hrug ta' kesha mill-kaxxa. L-effett taghhom (ovvjament mhuwiex mixtieq) hu zghir hafna. Dawn setghu facilment jigu murija mill-attur lill-konvenut fiz-zmien propizju sabiex jigu rrangati. Nikkalkula li din l-ispiza kienet tkun ta' madwar Lm80. Din tinkludi wkoll irrangar tal-lugs u xi angle bars li ccaqalqu ma' l-uzu tal-kaxxa.

"4. Rigward il-bibien, dawn ma jidhrux li hemm xi hsarat ikkagunati bhala konsegwenza tal-manifatturat tal-kaxxa."

"Fl-isfond ta' dawn il-konkluzjonijiet teknici, il-perit legali ezamina l-vertenza mill-aspetti legali taghha, senjatament:

""Il-punti legali sollevati mill-partijiet u li jridu jigu kkunsidrati f'din il-kawza jirrigwardaw:

"i) In-natura tal-Kuntratt tal-Appalt;

"ii) Id-doveri tal-appaltatur fl-esekuzzjoni tal-kuntratt;

"iii) Id-dritt u d-dover tal-kummittent jekk fl-esekuzzjoni tal-appalt jirrizultaw difetti li jistghu jkunu "essenzjali" jew "mhux sostanzjali";

"iv) Ir-responsabilta' ghad-danni tal-appaltatur, meta applikabbli."

"Il-perit legali kkonsidra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia vs Portelli" (deciza fid-9 ta' Ottubru 1987), fejn gie ritenut illi:

"...l-appaltaturi ma jistghux jezoneraw ruhhom minn responsabilta' ghax-xoghol li ghamlu kontra s-sengha... ... billi jghidu li dan ghamluh fuq ordni u/jew fuq insistenzi tas-sid; hu dover tal-appaltaturi li jipprestaw opera sodisfacenti u jirrezistu kwalunkwe intramissjoni ta' min jinkarikahom..."

"U dan peress illi l-konvenut sostna li x-xoghol sar kif ordnat minkejja li huwa kien jaf li mhux ser ikun sodisfacenti. Saret referenza wkoll ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Camilleri vs Cuschieri" (deciza fil-31 ta' Jannar 2003) fejn gie ritenut illi:

> "Il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali li huwa dejjem soggett ghall-patt kommissorju tacitu."

"L-istess sentenza rriteniet imbaghad:

> "Meta d-difetti jkunu essenzjali, il-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghall-kuntrarju d-difetti ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."

"Ara wkoll f'dan is-sens "Bezzina vs Cardona" (deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Novembru 1983) u "Mallia vs Fonk" (deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1973).

"F'dawn ic-cirkostanzi, il-perit legali esprima l-fehma li s-socjeta' attrici kienet obbligata tinterpella lis-socjeta' konvenuta biex issewwi l-hsarat. Fin-nuqqas kellha d-dritt tesegwixxi t-tiswijiet hija stess imbaghad tirreklama d-danni. Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Micallef vs Agius" (deciza fid-9 ta' Gunju 2004):

> "...Skont id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez tal-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali tal-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna tal-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika..."

> "Inoltre, is-socjeta` attrici dejjem kellha l-obbligi li timminimizza d-danni (ara "Blackman vs Formosa", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1994).
>
> "Il-perit legali jillikwida d-danni fl-ammont ta' elf mija u disgha u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,199.63) ekwivalenti ghal hames mija u hmistax-il liri Maltin (Lm515), li minnhom erba' mija u sittin liri Maltin (Lm460) huma l-prezz tat-tiswijiet kif stmati mill-perit tekniku u hamsa u hamsin liri Maltin (Lm55) spejjez ohra inkorsi mis-socjeta' attrici. Il-perit legali wasal ghal din il-konkluzjoni stante li huwa qies li l-ammont konsiderevolment oghla li qieghda tirreklama s-socjeta' attrici ma jsib ebda fundament fuq il-principji legali li jirregolaw il-likwidazzjoni tad-danni u l-applikazzjoni tal-imghax fuq danni li ghad iridu jigu likwidati. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni biex tiskarta din il-konkluzjoni."

Rat li wara dik is-sentenza tressaq rikors *ab omissa decisione* da parti tal-konvenut Raymond Mallia nomine u saret ir-risposta ghall-istess da parti tal-attur nomine, liema rikors gie michud da parti tal-ewwel Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2013, peress li kien ritenut li t-talbiet kollha tal-attur jidhru li gew decizi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Raymond Mallia nomine, li permezz tieghu jinghad minnu li huwa xtaq jappella kemm mis-sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2013 u mid-digriet tat-3 ta' Dicembru, 2013 dwar il-kwistjoni *ab omissa decisione,* kif ukoll li xtaq jappella mid-digriet tat-22 ta' Settembru, 2008, dwar il-kwistjoni tal-eskussjoni tal-periti. Kwindi talab li a bazi tal-provi prodotti u ta' dak li jista' johrog mill-eskussjoni tal-Periti, jekk dan jigi awtorizzat minn din il-Qorti, joghgobha tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tieghu u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjetà appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetà appellata.

Rat li ghalkemm is-socjetà Francis Busuttil & Sons Limited kienet debitament notifikata bir-rikors tal-appell, ma tressqet ebda risposta. Izda dehru d-difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018, li ttrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Jibda billi jigi osservat li r-rikors tal-appell gie redatt b'metodu xejn felici, peress li ghalkemm jinghad li l-aggravju tal-appellant nomine huwa car u manifest, ma gie spjegat xejn b'mod car x'inhuma l-aggravji, u hemm elenkati diversi lmenti li jattakkaw il-process gudizzjarju quddiem l-ewwel Qorti. Izda din il-Qorti ser tislet is-sustanza tal-aggravji tas-socjetà appellanti u tindirizza l-ilmenti taghha fir-rigward tad-digrieti u s-sentenza individwalment:

(i) Is-socjetà appellanti tattakka d-digriet tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Settembru, 2008, li bih cahdet it-talba taghha li ssir l-eskussjoni tal-periti gudizzjarji, sabiex jigu ccarati xi punti li fil-fehma taghha kienu joholqu ekwivoku.

Mill-atti jirrizulta li, r-rapporti tal-perit tekniku u tal-perit legali gewipprezentati fir-Registru tal-Qorti fit-18 ta' Jannar, 2008. Fis-seduta quddiem il-Qorti tal-20 ta' Frar, 2008, gie verbalizzat li filwaqt li l-perit legali kkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament waqt l-istess seduta, il-perit tekniku gie akkordat il-fakultà li jikkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament fir-Registru (u fil-fatt il-perit halef ir-rapport tieghu l-ghada fil-21 ta Frar, 2008). Il-perjodu ghat-talba ta' periti perizjuri kellu jibda jiddekorri mid-differiment li kien imiss. Permezz ta' rikors datat 18 ta' Marzu, 2008, l-attur nomine talab il-fakultà li jaghmel nota ta' kritika tar-rapporti peritali. Fis-seduta tat-3 ta' April, 2008, ghalkemm deher id-difensur tal-appellant nomine, ma jirrizulta li saret ebda talba da parti tieghu, fir-rigward tar-rapporti – la li ssir l-eskussjoni tal-periti u lanqas li jinhatru periti addizzjonali. L-ewwel Qorti akkordat lill-atturi xahar zmien biex jipprezentaw nota ta' kritika ghar-rapport bil-visto tal-kontroparti li jkollha xahar ghar-risposta. Jigi osservat li t-talba tal-konvenut appellant sabiex issir l-eskussjoni tal-periti, saret fit-23 ta' Mejju, 2008, madwar erba' xhur wara li gew ipprezentati r-rapporti tal-perit tekniku u tal-perit legali, fi stadju meta l-kawza kienet thalliet ghat-trattazzjoni finali.

Ghalkemm il-ligi ma tipprovdi ghal ebda terminu li fih jistghu jigu ezaminati u kontro-ezaminati l-periti fuq ir-rapport taghhom, huwa ovvju li f'dan il-kaz it-talba tal-appellant saret intempestivament. F'dan il-kaz,

kien ikun opportun li, jekk kemm-il darba l-appellant irriskontra xi anomaliji bejn iz-zewg rapporti, li jissolleva l-kwistjoni fis-seduta tat-3 ta' April, 2008, qabel ma l-kawza thalliet ghan-noti ta' kritika u ghat-trattazzjoni finali. Mhux imholli lil xi parti fil-kawza li thalli z-zmien jghaddi inutilment, sabiex imbaghad fl-ahhar stadju tal-kawza, jsir tentattiv li jigu sanati n-nuqqasijiet ta' dik il-parti fil-kawza, billi jsiru talbiet li ma jservu xejn ghajr li jkomplu jitwalu l-proceduri bla bzonn. Ir-rimedji li taghti l-ligi ghandhom jigu adoperati fil-waqt opportun.

Permezz tal-kritika sollevata mill-appellant nomine fir-rikors tieghu, fejn talab li ssir l-eskussjoni, huwa jittanta johloq dubju billi jirrileva dak li fil-fehma tieghu huma nkongruwenzi bejn ir-rapport tal-perit tekniku u r-rapport tal-perit legali, meta tali anomaliji ma jezistux, (kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem). Din il-Qorti, ma tara li hemm ebda raguni valida li taghmel uzu mill-provvediment tal-Artikolu 682 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, citat mill-appellant nomine, sabiex il-periti tal-Qorti jaghtu spjegazzjonijiet ohra dwar ir-rapport taghhom, in kwantu minn ezami tal-istess rapporti, tqis li dawn huma pjuttost ezawrijenti fil-kontenut u cari fil-konkluzjoni taghhom.

Kwindi l-appell minn dan id-digriet ser jigi michud.

(ii) Imiss li jigi trattat l-aggravju fl-appell fil-konfront tad-digriet tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Dicembru, 2013, li cahad ir-rikors tal-appellant nomine dwar *ab omissa decisione.* Huwa jikkontendi li l-ligi ma tillimitax il-procedura *ab omissa decisione* ghat-talbiet attrici biss, izda tapplika wkoll ghal talbiet maghmula mill-konvenut permezz tal-eccezzjonijiet tieghu, peress li dawn jistghu jaffettwaw l-ezitu finali tal-kawza.

F'dan ir-rigward, jinhass opportun li jigu mfakkra xi principji regolatorji bhal: li huwa dejjem mehtieg li l-Qrati jaghtu r-ragunijiet ghad-decizjoni taghhom (Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li kull dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorja ghandha tkun fid-dispozittiv tas-sentenza (Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Hekk ukoll, huma biss dawk l-eccezzjonijiet mahsuba taht l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jigu decizi b'kap ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu u li din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' eccezzjoni ta' nullità ta' sentenza, jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha (Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Inoltrè, l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid espressament li meta l-Qorti ta' l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione*. U l-istess artikolu jghaddi biex sahansitra jispecifika r-rimedju u l-procedura li ghandha tigi adoperata fil-kaz specifiku, li jghid hekk:

*"235. Meta l-qorti tal-ewwel grad **tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti**, ma jingħatax appell ab omissa decisione:*

*"Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, **titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba**; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, **il-qorti tiddeċiedi fuq dik it talba;** f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:*

*"Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, **id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża**."*

Minn ezami ta' dan l-artikolu, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa pjuttost evidenti li l-appellant nomine m'ghandux ragun fl-argument tieghu, peress li l-ligi tipprovdi ghac-cirkostanzi fejn m'hemmx appell *ab omissa decisione,* fil-kaz li xi talba attrici tithalla barra mid-decizjoni tal-Qorti. Dan meta l-artikolu in ezami jadopera l-kliem "*talba*" u "*talbiet*", mhux "*eccezzjonijiet*". Dan jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza, meta nghad minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tas-7 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Louis Pace et v. Alfred Theuma**:

*"…huwa minnu illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra b'mod specifiku l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti ... Izda, imbaghad, l-appellant jabbina dan in-nuqqas ghall-"omissa decisione".*

*Tali argoment huwa ghal kollox guridikament inkoncepibbli billi l-'ab omissa decisione' hi korrelata biss mas-sitwazzjoni fejn il-qorti ta' l-ewwel grad thalli barra mid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti. Dan hu bil-wisq evidenti minn dak propagat fl-Artikolu 235 tal-Kap 12. U ghalhekk "mhiex applikabbli meta t-tribunal jommetti li jiddeciedi b'kap separat l-eccezzjoni ta' "non bis in idem" ghax dik hija eccezzjoni, u mhux talba" (Vol XXXVIII pI p80)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-ewwel Qorti kienet korretta meta fid-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru, 2013, iddecidiet li t-talbiet kollha tal-attur kienu gew decizi, peress li l-argument tal-appellant nomine ta' *ab omissa decisione* fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri ma jregix.

Fi kwalunkwè kaz, huwa ritenut li apparti li huwa tassew car li l-azzjoni attrici mhix wahda ta' rexxissjoni ta' kuntratt t'appalt, izda wahda ta' danni konsegwenti kuntratt t'appalt, li jinghad li ma giex ezegwit kif suppost; il-Qrati huma marbuta li jiddeciedu l-kawzi quddiemhom a bazi tal-kawzali rizultanti mill-azzjoni attrici u mhux fuq dak li jidhirlu l-konvenut li hija l-kawzali.

Isegwi li sa fejn l-appell tal-appellant nomine jattakka d-digriet tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Dicembru, 2013, lanqas dan ma jista' jirnexxi u ser jigi michud.

(iii) Jonqos li jigi trattat l-aggravju tal-appellant nomine sa fejn jattakka s-sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 2013. Huwa jikkritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti, sa fejn strahet fuq l-interpretazzjoni tal-kaz rizultanti mir-rapport tal-perit legali, meta fil-fehma tieghu l-materja in diskussjoni kienet wahda pjuttost teknika. Filwaqt li l-appellant nomine jislet siltiet mir-rapport tal-perit tekniku, inkluz l-istess konkluzjonijiet citati mill-

ewwel Qorti fis-sentenza taghha, huwa jsostni li kuntrarjament ghal dak li fehem il-perit legali, il-perit tekniku ccertifika li l-appalt in kwistjoni kien wiehed ezegwit minnu hekk kif titlob is-sengha u l-arti.

Fil-fehma tieghu x-xoghol addizzjonali li jissemma mill-perit tekniku, u l-ammonti likwidati mill-perit tekniku ma kenux danni dovuti lill-attur nomine, izda xoghol addizzjonali li kellu jsir minnu, bil-hlas kif stmat mill-istess perit. Jinsisti li x-xoghol rakkomandat mill-perit tekniku kien mehtieg, konsegwenza ta' xoghol li l-appellat nomine insista li kellu jsir kontra l-parir tal-appellant nomine stess. Jishaq li l-ammonti likwidati mill-perit tekniku ma kienux danni peress li bihom u minghajrhom, f'dan l-istadju, l-kaxxa in kwistjoni ma tistax titranga peress li thalliet mitluqa ghal ghoxrin sena f'bitha esposta ghall-elementi.

L-appellant nomine jressaq bhala difiza l-principju ta' *caveat emptor,* sabiex isostni li peress li l-kontendenti fil-kawza huma t-tnejn socjetajiet kummercjali, dan mhux kaz ta' konsumatur ordinarju, izda l-appellat nomine kellu jiehu hsieb l-interessi tieghu u ma jhallix kollox f'idejn min ikun qieghed jezegwixxi l-appalt. Inoltrè l-appellat kellu jisma' minnu u jsegwi l-pariri tieghu, jew inkella jiehu parir tekniku indipendenti u mhux jibqa' jinsisti u jinjora l-pariri tieghu. Kwindi jsostni li dak li gara kien htija biss tal-attur nomine.

Fl-ahhar l-appellant nomine jikkritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti li talloka l-ispejjez kollha tal-kawza kontra tieghu u dan peress li hija injorat il-paragrafi tar-rapport tal-perit legali li jitkellmu dwar ir-responsabbilità tas-socjetà attrici. Jispjega li fil-fehma tieghu l-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jigu allokati lis-socjetà appellata peress li l-ftit difetti riskontrati huma kollha konsegwenza tan-nuqqasijiet taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant nomine jittanta johloq inkongruwenzi bejn ir-rapport tekniku u r-relazzjoni legali, fejn dawn fil-verità ma jezistux. Ghalkemm jikkritika l-ewwel Qorti li strahet fuq ir-relazzjoni tal-perit legali, meta jishaq li mir-rapport tal-perit tekniku jirrizulta li x-xoghol ezegwit minnu kien skont is-sengha u l-arti, effettivament jirrizulta li l-ewwel Qorti, kif wara kollox jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-perit legali, cahdet l-ewwel talba attrici sa fejn intalbet dikjarazzjoni li x-xoghol ma kienx ezegwit skont is-sengha u l-arti (ghalkemm irrizultaw difetti). Madankollu wara analizi tal-perizja teknika, jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet sew meta strahet fuq il-perit legali li kkonkluda li ghalkemm id-difetti riskontrati mill-perit tekniku ma kenux ta' natura essenzjali li jintitolaw lill-kommittent li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, però kienu difetti ta' natura hafifa, li l-appaltatur xorta jibqa' obbligat li jaghmel tajjeb ghat-tiswijiet mehtiega.

Din il-Qorti taqbel mal-analizi dettaljata maghmula mill-perit legali dwar l-istitut ta' appalt li japplikaw ghall-kaz in ezami u tqis li applika l-principji legali korretti ghar-rizultanzi teknici fir-rapport tal-perit tekniku. L-appellant nomine filwaqt li jiccita l-ahhar erba' punti fil-konkluzjoni tar-rapport tal-perit tekniku, donnu jiskarta l-elenku precedenti maghmul mill-perit tekniku ta' xoghlijiet li setghu jigu ezegwiti ahjar, fis-sens li ghalkemm certu materjal adoperat minnu, kien ta' kwalità sufficjenti, ma kienx ta' kwalità gholja hafna u certu xoghlijiet ukoll jinghad li mhumiex ta' xi livell gholi. Kwindi r-rakkomandazzjonijiet tal-perit tekniku ghandhom jittiehdu f'dan il-kuntest.

Minn dan isegwi li t-tieni argument imqanqal mill-appellant nomine fir-rigward tas-sentenza appellata, ukoll ma jregix. Dan jinghad peress li fil-fehma ta' din il-Qorti, x-xogholijiet li jsemmi l-perit tekniku fir-rapport tieghu mhumiex xoghlijiet "addizzjonali" kif jiddeskrivihom l-appellant nomine, li donnu jippretendi sahansitra li kellu jithallas aktar ghalihom. Ix-xoghlijiet li semma l-perit tekniku, specjalment dawk sabiex tissahhah l-art tal-kaxxa, huma pjuttost ta' natura rimedjali sabiex jaghmlu tajjeb ghad-difetti riskontrati mill-perit, tant li fir-rapport tieghu huwa jghid li "*Il-konvenut kien **<u>fid-dover</u>***" li jaghmel dawn ix-xoghlijiet!

Hekk ukoll l-argument tal-appellant nomine li huwa ma jirrispondix ghax-xoghol li ghamel kontra l-parir tieghu stess, jinhass opportun li jigi ribadit

illi l-kuncetti legali in konnessjoni ma' kawzi simili gew spjegati fil-fond diversi drabi u l-Qorti ser taghmel referenza ghalihom. F'sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (*Sede* Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2004, fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Moira Agius**, il-Qorti ghamlet rassenja estensiva tal-gurisprudenza fir-rigward meta qalet:

> *"(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. L'imprenditore a l'obbligo di eseguire bene l'opera commessogli second i dettami dell'arte sua e deve prestare almeno una capacita' ordinaria*. (Kollezjoni Vol. XXVII p1 p373) Dan fis-sens li ghandu jiggarantixxi x-xoghol tieghu. (Vol. XL p1 pagna 485).
>
> *"(2) L-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina.* (Vol. XXXVII piii pagna 883). *Ghax kif jinsab ritenut ukoll f'kazi bhal dawn hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti iktar 'il quddiem.* (Mario Blackman
> vs Carmelo Farrugia nomine – Appell Kummercjali – 27 ta' Marzu, 1972)
>
> *"(3) Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol* (Vol. XLI pI pagna 667*) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet moghtija mill-kommittent. E' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini e egli vedesse pregudizievoli alla solidita' e contrarii alle buone regole dell'arte.* (Vol. XXV p1 pagna 727). *Kif ahjar imfisser u spjegat l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.* (Kollez. Vol XLII pII p1003).
>
> "*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);*
>
> *"(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292)."* (Sottolinjar ta' din il-Qorti.)

Isegwi li l-appellant nomine, bhala l-appaltatur li kellu l-esperjenza teknika mehtiega fil-qasam, ma seta' qatt jimmanifattura xi haga, anke fuq ordni jew suggeriment tal-kommittent jew appaltant, jekk huwa jaf li dik il-haga mhix idonea jew xierqa. Kwindi l-appaltatur ghandu jieqaf u jirrifjuta li jaghmel kwalunkwè xoghol li jmur kontra d-dettami tal-arti u s-sengha, altrimenti ghandu jirrispondi ghad-difetti li jirrizultaw. Kif osservat mill-perit legali, ghalkemm id-difetti u l-hsarat ma kenux ta' natura essenzjali, lanqas ma kienu traskurabbli u ghalkemm dawn id-difetti setghu jigu riparati bi spejjez relattivament zghar, dawn kienu d-danni li kellhom jigu akkordati. Isegwi li l-istima tax-xoghlijiet rimedjali tal-perit tekniku huma d-danni konsegwenzjali li ghandu jissaporti l-appellant nomine konsegwenza tad-difetti riskontrati fix-xoghol imwettqa minnu.

Fir-rigward tal-principju ta' *caveat emptor,* din il-Qorti tosserva li dan il-principju qatt ma tqajjem qabel u ghalhekk din il-Qorti tqis li ma jkunx gust li tiehu konjizzjoni ta' dan l-argument f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza, dana b'rispett ukoll ghall-kuncett tad-*doppio esame.* Dan jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li din hija kawza mibnija fuq l-inadempiment kuntrattwali mnissel mill-appalt, u mhux xi wahda mill-azzjonijiet li l-ligi tahseb ghalihom taht il-kuntratt tal-bejgh.

Jonqos li jigi trattat l-aggravju tal-appellant nomine sa fejn jilmenta dwar il-kap tal-ispejjez. Il-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili tipprovdi li f'kull sentenza definittiva, l-Qorti ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bhala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt difficli li jigi ddeterminat, jew ghal xi raguni tajba ohra, li ghandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-principju.

Ghalkemm l-ewwel Qorti ma laqghetx l-ewwel talba attrici sa fejn intalbet dikjarazzjoni li x-xoghlijiet ma kenux saru skont l-arti u s-sengha, xorta zammet ferm li l-appellant nomine kellu jaghmel tajjeb ghad-difetti rizultanti mix-xogholijiet imwettqa minnu. Sa fejn fir-relazzjoni legali gew elenkati r-responsabbiltajiet tas-socjetà attrici, dawn l-osservazzjonijiet kellhom effett fuq il-likwidazzjoni ta' danni mitluba mis-socjetà attrici, fejn l-ammonti elenkati minnha fil-prospett taghha gew ridotti drastikament ghar-ragunijiet hemm imsemmija. Madankollu xorta kien hemm likwidazzjoni u kundanna tal-appellant nomine ghall-hlas tad-danni. Ghalhekk certament mhux ritenut opportun li jkun l-appellat nomine, li jbati l-ispejjez tal-kawza, kif qieghed jippretendi l-appellant nomine. Trattat dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk tezisti raguni tajba l-ghala l-ewwel Qorti ddecidiet, kif effettivament ghamlet il-kap ta' spejjez, u ma ssib ebda raguni valida sabiex tvarjah.

Isegwi li ebda wiehed mill-ilmenti tal-appellant nomine fir-rigward tas-sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2013, ma jimmerita li jintlaqa' u ghalhekk l-aggravju fir-rigward, ser jigi michud ukoll.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Raymond Mallia nomine billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma d-digriet tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Settembru, 2008, s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Ottubru, 2013, kif ukoll id-digriet *ab omissa decisone* tat-3 ta' Dicembru, 2013, fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-konvenut nomine appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr